**PRIM’AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 1 ta’ Dicembru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 623/2016 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Roderick Bartolo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela datat 19 ta’ Frar 2010 (Dok. “A”) u permezz ta’ skrittura privata datata 16 ta’ Jannar 2010 (Dok. “B”), is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Roderick Bartolo.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Roderick Bartolo fis-somma ta’ mija u hdax-il elf, seba’ mija u erbgha u erbghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€111,744.29) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan u Overdraft Accounts*” ta’ Roderick Bartolo mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C”, Dok. “D” u Dok. “E1 sa E3”)

flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' April 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Roderick Bartolo:

(a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Roderick Bartolo li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenut Roderick Bartolo gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Lulju 2014, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "F" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament billi l-Roderick Bartolo (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Roderick Bartolo li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Roderick Bartolo ihallas lis-socjetà attrici is-somma ta' mija u hdax-il elf, seba' mija u erbgha u

erbghin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€111,744.29) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' Roderick Bartolo mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C", Dok. "D" u Dok. "E1 sa E3") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' April 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datata 10 ta' Lulju 2014 kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-intimat pprezentata seduta stante li permezz taghha huwa ammetta t-talbiet kif dedotta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara din l-ammissjoni, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tal-Bank of Valletta plc kif dedotta, tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Roderick Bartolo.

IMHALLEF

DEP/REG